Tagħrif miġbur minn Kieth Muscat



# Sirens FC – 50 sena ta' storja
## *L-istorja tal-futbol f'San Pawl il-Baħar*

## Il-futbol

Il-logħba tal-ballun daħlet f'pajjiżna permezz tas-Servizzi Ngliżi li kienu stazzjonati f'Malta, bl-ewwel timijiet jitwaqqfu lejn l-inħawi tal-Port il-Kbir fil-bidu tas-Seklu Għoxrin. Din il-logħba ma' tantx damet biex bdiet tinfirex u kienu bosta dawk li ddakkru bl-entużjażmu u bdew jilgħabu b'mod amatorjali f'xi għalqa. It-tfal u ż-żgħażagħ ta' San Pawl il-Baħar ma' kienux eċċezzjoni u din il-logħba ddaħħlet fir-raħal tagħna, bħal fil-kumplament tal-pajjiż, permezz tas-servizzi li kienu stazzjonati qrib ir-raħal, speċjalment f'Għajn Tuffieħa.

Għalkemm bdiet tintlgħab qabel, l-ewwel tim kompetittiv twaqqaf fil-bidu tas-Snin Tletin tas-Seklu li għadda. Dan l-entużjażmu biex fir-raħal, dak iż-żmien iffurmat minn ftit mijiet, pero mfittex għall-villeġġjatura, seta' ħa spinta meta' fl-1930 twaqqaf il-Klabb tal-Water Polo bl-isem ta' Sirens. Bosta huma dawk li jirrakkuntaw kif dak iż-żmien, iż-żgħażagħ kienu jilgħabu l-water polo fis-sajf u l-futbol fix-xitwa, xi ħaġa li llum anqas timmaġina li tagħmilha minħabba li t-taħriġ huwa ferm differenti.

Fis-Snin Tletin tas-Seklu Għoxrin, San Pawl il-Baħar kien raħal pittoresk. L-għejxien tar-residenti kien jiġi prinċipalment mill-biedja u s-sajd. Fil-fatt rapport maħruġ mill-Kontrollur tas-Sajd fl-1937 juri li kien hemm 40 opra tal-baħar f'San Pawl il-Baħar. Għalkemm Malta kienet għadha l-bogħod mit-Tieni Gwerra Dinjija, San Pawl il-Baħar kien diġa' daq il-kruha ta' l-Ewwel Gwerra, mhux għax Malta kienet involuta direttament, iżda għax f'Għajn Tuffieħa kien twaqqaf kamp kbir għall-feruti. Fl-1937, minħabba l-kriżi li nqalet fl-Abbissinja, nbnew għadd ta' *machine gun posts* u trunċieri. Dan kollhu kien ifisser il-preżenza tal-militar f'San Pawl il-Baħar u nnevitabbilment magħhom ġabu wkoll il-logħba tal-ballun.

## St Paul's Bay Football Team

L-istorja uffiċċjali tal-futbol f'San Pawl il-Baħar teħodna lura għas-sena 1934, meta' twaqqaf is-*St Paul's Bay Football Club*. Huma affiljaw mal-*Malta Football Association* u ddebuttaw fir-Raba' Divizjoni fl-10 ta' Ottubru 1934 f'partita kontra r-Rabat Rangers li ntemmet bi skor ta' 1-1. Matul l-Istaġun 1934/35 huma lagħbu ħames partiti li minnhom rebħu

ħamsa, ġew draw darba u tilfu tlieta. Matul l-Istaġun skorjaw tlett gowls u sofrew 21. *St Paul's Bay FC* spiċċaw fl-aħħar post tal-klassifika bi tlett punti u ma' reġgħux ipparteċipaw.

## St Paul's Bay United

Fl-1938 twaqqfu s-*Saint Paul's United* li fid-debutt tagħhom, f' partita ta' ħbiberijja, tilfu bl-iskor ta' 7-1 kontra Balzan Youths. Huma affiljaw bħala *Associate Members* fl-MFA u pparteċipaw fl-*Associate Members League* sa l-Istaġun 1948/49. Fl-1949 affilljaw bħala membri fl-MFA u fl-Istaġun 1949/50 pparteċipaw fit-Tielet Diviżjoni Sezzjoni B. *St Paul's United* lagħbu seba' logħbiet li minnhom rebħu waħda u tilfu sitta, skorjaw żewġ gowls u sofrew sittax. Huma spiċċaw fl-aħħar post u ma reġgħux ipparteċipaw.

*St Paul's United* affiljaw fil-*Malta Amateur Football Association* fl-1951 u fl-Istaġun 1957/58 rebħu l-league u spiċċaw bħala finalisti fit-Tazza tal-MAFA.. *St Paul's Utd* kienu jilgħabu bi flokkijiet bojod, b'faxx aħmar.

Fl-1967, Joe Muscat (id-Debu) u xi dilettanti oħra ffurmaw s-*St Paul's Bay Football Club.* Huma kienu jiltaqgħu fil-Klabb tas-Sirens ASC minħabba li kienu wkoll dilettanti tal-*waterpolo.* It-tim ġie affiljat fil-kampjonat tal-Minors tal-MFA fejn ipparteċipa u spiċċa biex rebaħ is-Sezzjoni. Fl-ewwel logħba tal-league tal-Minors huma kkonfrontaw lis-Siġġiewi FC u rebħu bl-iskor ta' 4-0. *St Paul's Bay Football Team* ipparteċipaw fl-*Amature Soccer Cup Competition* (ASCC) fl-Istaġun 1968/69. Id-debutt kien wieħed pożittiv ħafna għax it-tim ta' San Pawl il-Baħar spiċċa fit-tieni post ta' din il-kompetizzjoni.

*Xatt il-Lanca –Sirens Pitch 1950 – l-Ewwel Klabb tas-Sirens Football Team.*

## It-Twaqqif tas-Sirens Football Club

Fir-Rapport Ammisintrattiv tal-Klabb għall-iStaġun 1970/71, is-Segretarju A. Micallef kiteb hekk:

> "L-ewwel pass importanti sar fis-sena 1968, meta' xi membri ħabrieka ffurmaw kumitat sabiex ikunu jistgħu jmexxu lil dawn iż-żgħażagħ u l-isem ta' San Pawl il-Baħar jerga' jibda jissemma fil-qasam tal-football ma' Malta kollha. Wara ħidma bla heda, il-Kumitat ta' dak iż-zmien, mal-ewwel attentat irnexxielu jdaħħal lis-SIRENS FOOTBALL TEAM biex jipparteċipa fil-kompetizzjoni tal-football hekk magħrufa bħala l-*Amature Soccer Cup Competition.* Fl-ewwel staġun tagħna fl-ASCC konna spiċċajna *Runners Up.* Wara bidu tant tajjeb, il-Kumitat għamel kuraġġ u dritt beda' jaħdem biex nissieħbu fl-akbar istituzzjoni fil-qasam ta' dan l-isports li għandha Malta."

Fl-1970, l-M.F.A ħarġet sejħa għall-timijiet li riedu jaffiljaw fit-Tielet Divizjoni u l-Kumitat iddeċieda li japplika. Peress li l-t-Tim ma' kellux is-sede tiegħu, saret laqgħa bejn delegazzjoni tal-MFA u l-Kumitat tal-Sirens FT, fis-Sirens Aquatic Sports Club, u l-applikazzjoni ġiet aċċettata. It-tim ġie affiljat ma' l-MFA għall-Istaġun 1970/71.



*It-tim fl-istaġun 1988-89*

Ħafna huma dawk li jistaqsu, għalfejn Sirens u mhux isem ieħor? S'intendi, it-Tim tal-futbol issemma bħat-Tim tal-water polo, minħabba li l-Kumitat kien qed jagħmel użu mill-faċilita' li s-Sirens ASC kellhom f'Xatt il-Lanċa. Pero ftit jafu bil-konnessjoni ta' dan l-isem mal-Libja. Ma hijiex sorpriża li f'post imdawwar bil-baħar ikun hemm entużjażmu għall-isport li jintlab fl-ilma. Fi snin tletin, xi żgħażagħ entużjasti tal-water polo, fosthom Tony Sant Cassia, Salvatore Cassar u Tony u Joe Catania, iddeċidew li jiffurmaw tim fl-inħawi tal-Veċċa. F'dak il-perjodu għamel żjara f'Malta tim tal-Water Polo minn Tripoli (Libja) bl-isem ta' Sirens Triton. Dan it-tim jidher li ħalla mpressjoni tant li dawn iż-żgħażagħ addottaw l-isem ta' Sirens għat-tim tagħhom.

L-ewwel logħba uffiċċjali tas-Sirens Football Team intlgħabet nhar l-10 ta' Ottubru 1970, ġewwa l-ground ta' Pacegrasso. Id-debutt kien wieħed pożittiv għax is-Sirens FT għelbu lit-tim ta' Kirkop United bl-iskor ta' 2-0. L-interess kompla jikber, tant li il-Kumitat ħaseb biex jixtri l-post nru 61, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar sabiex isir is-sede tiegħu. Il-każin kien inawgurat uffiċċjalment mill-Ministru tal-Kultura u l-Edukazzjoni - l-Onor. Agatha Barbara, fid-29 ta' Jannar 1972. F' dik is-sena il-Kumitat għażel il-motto Per Astra Ad Aspra (li jfisser - biex tikseb suċċess trid taħdem għalieh). Fl-1972 l-isem tat-tim inbidel minn Sirens Football Team għall-Sirens Football Club, minħabba li issa l-Klabb kellu s-sede tiegħu.

Fil-lokalita' bdiet tinħass il-ħtieġa li jkun hemm grawnd u saru diversi petizzjonijiet f'dan is-sens. Din ix-xewqa saret realta' meta' fit-22 ta' Novembru 1981, l-Onor. Ministru Lorry Sant inawgura l-grawnd u l-premises ta' Triq il-Wileġ. Sal-1981 id-dressing rooms tat-tim kienu fil-kantina tal-Każin f' 61 Triq San Pawl imma issa l-Klabb kellu l-faċilita ta' ground għat-training u dressing rooms. Fl-1983 twaqqfet fi ħdan il-klabb is-Sirens Football Nursery. Fl-2011 sar proġett importanti fil-grawnd tas-Sirens FC. Apparti li sar wiċċ sintetiku, inbnew l-istands u permezz ta' hekk fis-Sirens Stadium bjew jintlgħabu logħbiet kompetittivi mill-kampjonati tal-MFA.

Matul is-snin is-Sirens FC qatt ma' naqsu li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet organizzati mil-MFA u kisbu dawn l-unuri :




*L-istadium tas-Sirens*

| **Unur** | **Staġun** |
|---|---|
| Tielet Diviżjoni (Rebħ tas-Sezzjoni) | 1972-73 (tilfu l-promotion decider) |
| Tazza tan-Knock Out Tielet Diviżjoni | 1973-74 |
| Sons of Malta Cup | 1974-75 |
| Ir-Raba' Diviżjoni (Rebħ ta' Sezzjoni A) | 1976-77 (Promozzjoni) |
| Tielet Diviżjoni (Rebħ ta' Sezzjoni C) | 1979-80 (Promozzjoni) |
| Tazza Dr J Mifsud | 1982-83 |
| Tielet Diviżjoni (Rebħ tal-Kampjonat) | 1988-89 (Promozzjoni) |
| Tielet Diviżjoni Top Scorers | 1988-89 (Patrick Zammit – Mario Gauci) |
| Tazza II/III Diviżjoni (Runners up) | 1992-93 |
| Tielet Diviżjoni Top Scorer | 1999-00 (Adrian Paul Galea) |
| Tielet Diviżjoni Top Scorer | 2001-02 (Adrian Paul Galea) |
| Tazza II/III Diviżjoni (Runners up) | 2002-03 |
| Tielet Divizjoni (Runners up) | 2006/17 (Promozzjoni) |
| Tielet Diviżjoni (Rebħ tal-Kampjonat) | 2013/14 (Promozzjoni) |
| Tielet Diviżjoni Top Scorer | 2013/14 (Giovanni Galea) |
| Tieni Diviżjoni | 2015/16 (Promozzjoni) |

**Presidenti li mexxew lill-Klabb**

Fundatur: Joseph Muscat (Id-Debu)

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lawrence Gatt A&CE | 1970 – 1996 |
| Is-Sur Ċensu Galea A&CE | 1996 – 2014 |
| L-Avukat Robert Piscopo LL.D | 2014 – 2015 |
| Is-Sur Joseph Agius | 2015 – 2017 |
| Is-Sur Mark Borg Hedley | 2017 |